Quot. PFI No. 2313. A) Flow sensor for babylog ventilator 8000 plus; B) 'Y' piece with flow sensor.

Quot. PFI No. 2314. Monofilament nylon (ethilon) 3/0 suture (ethicon code W320).

Quot. PFI No. 2315. Accessories for SLE 2000 HFO ventiliator nitric oxide adaptor tubings.

Quot. PFI No. 2316. Methylprednisolone 500mg injections.

Kwot. PFI Nru. 2317. *Silastic jejunostomy feeding tubes*.
Kwot. PFI Nru. 2318. *Mitozantrone injections*.
Kwot. PFI Nru. 2319. *Tetracosactrin 1mg injections*.
Kwot. PFI Nru. 2320. *Tacrolimus 0.5mg capsules*.
Kwot. PFI Nru. 2321. *Conjugated oestrogens 1.25mg + norgestrel tablets*.
Kwot. PFI Nru. 2322. *Chemoprotect gloves size 8*.

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-30 ta' Mejju, 2006

Quot. PFI No. 2317. Silastic jejunostomy feeding tubes.
Quot. PFI No. 2318. Mitozantrone injections.
Quot. PFI No. 2319. Tetracosactrin 1mg injections.
Quot. PFI No. 2320. Tacrolimus 0.5mg capsules.
Quot. PFI No. 2321. Conjugated oestrogens 1.25mg + norgestrel tablets.
Quot. PFI No. 2322. Chemoprotect gloves size 8.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

30th May, 2006

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Ġunju, 2006 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. R19/06. *T-shirts* blu bil-komma qasira.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Ġunju, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 35/06. Manilla case folders.
Avviż Nru. 36/06. *Wallets* kannella għall-*x-ray*.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima tal-Provvisti, *Medical Stores Building*, Pjazza San Luqa, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

It-30 ta' Mejju, 2006

HEALTH DIVISION

The Director General (Health) notifies that:

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 21st June, 2006, for:-

Quot. No. R19/06. Blue short sleeve t-shirts.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 28th June, 2006, for:-

Advt. No. 35/06. Manilla case folders.
Advt. No. 36/06. Brown wallets for x-ray.

Forms of tenders/quotations and further information regarding the conditions of these tenders/quotations may be obtained from the Health Division, Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Square, Guardamangia from 8.00 a.m. to 12.30 p.m.

30th May, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 22/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' makkinarju u għodda għaċ-Ċentru ta' l-Arti u Snajja' f'Għajnsielem, Għawdex.

Għandu jithallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 23rd June, 2006, for:-

Advt. No. WB 22/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of machinery and tools for the Għajnsielem Centre for Art and Crafts, Gozo.

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* allokat: Lm15,000 mingħajr VAT).

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-30 ta' Mejju, 2006

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm15,000 excluding VAT).

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

30th May, 2006

KUNSILL LOKALI MTARFA

Il-Kunsilll Lokali Mtarfa jgħarraf illi:-

Sa nofsnhar ta' nhar il-Ħamis, it-22 ta' Ġunju 2006, fuq formoli li jinkisbu bi ħlas fl-istess Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. MLC 01/06. Tindif u knis ta' toroq urbani u mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke jekk tkun l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Mejju, 2006

MTARFA LOCAL COUNCIL

The Mtarfa Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received on an application by a fee up to noon on Thursday, 22nd June 2006, for:-

Advt. No. MLC 01/06. Street sweeping.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

The tenders will be opened in public on the date mentioned above.

The Council reserves the right to refuse all offers, even if it is the most advantageous one.

30th May, 2006

KUMITAT KONĠUNT GĦAD-DISTRETT TAT-TRAMUNTANA

Il-Kunsill Lokali Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar jgħarrfu li qegħdin jagħmlu sejħa għall-offerti għall-istallazzjoni u manutenzjoni tad-dawl tat-toroq (Avviż Nru. SLDM -03).

Dawk il-persuni interessati li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiksbu d-dokumenti ta' l-offerta mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mġarr bi ħlas ta' Lm40.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mġarr sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Ġunju 2006 fit-3.30 p.m.

Il-Kumitat Konġunt għall-Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-30 ta' Mejju, 2006

JOINT COMMITTEE FOR THE NORTHERN DISTRICT

The Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar and San Pawl il-Baħar Local Councils are issuing a joint call for tenders for the installation and maintenance of street lighting (Advt. No. SLDM-03).

Interested parties are to collect tender documents from the Administrative Offices of the Mġarr Local Council against a fee of Lm40.

Tender documents are to be deposited in the appropriate tender box at the Administrative Offices, Mġarr Local Council, by not later than Wednesday, 14th June 2006 at 3.30 p.m.

The Joint Committee for Maintenance of Street Lighting reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous offer.

30th May, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

928

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2006, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 2006, Rikors Numru 4/06, fl-ismijiet Louana Censina mart Jeffrey Charles Grech vs Jeffrey Charles Grech, ir-rikorrenti Louana Censina Grech, tablet;

Li tkun ammessa għal benefiċċju gratuitu ħalli tkun tista' tipproċedi kontra l-intimat għas-separazzjoni personali minħabba f'inkompatibiltà ta' karattru, sevizji u inġurji da parti ta' l-intimat; 2) għal kura u kustodja ta' wliedha minorenni, …Omissis… 3) għal manteniment tagħha u ta' l-imsemmija wliedha minorenni; 4) għal-likwidazzjoni, diviżjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti; 5) għad-dekadenza ta' l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevanti tal-Kodiċi Ċivili.

Intimat: 82, Carlo Manchè Street, Gżira.

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Għarraf lil Jeffrey Charles Grech illi Louana Censina Grech ippreżentat Rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili biex tiġi mogħti li jmexxi bil-benefiċċju ta' l-Għajnuna Legali u avżah biex fi żmien erbat ijiem minn mindu jirċievi dan l-att jgħarraf lil dawn, taħt iffirmat għaliex il-pretensjoni miġjuba fir-rikors m'għandhiex tiġi milqugħa kif jingħad fl-Artikolu 911 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Uffiċċju ta' l-Avukat ta' l-Għajnuna Legali
Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

Illum 5 ta' Jannar 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st February 2006, ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 9th January 2006, Application Number 4/06, in the names Louana Censina wife of Jeffrey Charles Grech vs Jeffrey Charles Grech, the applicant Louana Censina Grech prayed;

That she be admitted to the benefit of legal aid so that she may proceed against the respondent for personal separation due to incompatibility of character, excesses and grievous insults on the part of the respondent; 2) for the care and custody of her minor children …Omissis…. 3) for her maintenance and that of her minor children; 4) for the liquidation, partition and dissolution of the community of acquests; 5) so that the respondents forfeits the conjugal rights as stipulated by the relevant articles of the Civil code.

Respondent: 82, Carlo Manchè Street, Gżira.

To the Marshall of the Courts

You are to inform Jeffrey Charles Grech that Louana Censina Grech filed an Application in the First Hall Civil Court in order that he be allowed to apply for the benefit of Legal Aid and warn him so that within four days from when he receives this deed to inform the undersigned why the demand contained in the application, should not be acceded to as provided in Article 911 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

Office of the Advocate for Legal Aid
Courts of Justice, Valletta.

Today 5th January 2006.

Registry of the Superior Courts, today 25th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

929

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-20 ta' April 2006, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Billi b'digriet mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-20 ta' April 2006,fuq talba ta' Miriam Sultana, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lil Nazzarena Zammit, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Miriam Sultana vs Isabella Zammit et, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-15 ta' Frar 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 07/03 JC, fl-ismijiet Miriam Sultana vs Isabella Zammit et, ir-rikorrenti Miriam Sultana, esponiet bir-rispett;

Illi fil-mori tal-kawża mietet il-kjamata fil-kawża Nazzarena Zammit u għalhekk jistħoqq illi jiġu nominati Kuraturi deputati biex jirrapreżentawha fil-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lil Nazzarena Zammit fl-atti tal-kawża fl-ismijiet fuq premessi u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Notifika Bandu: Isabelle Zammit
11, Zodiac Flats, Triq ir-Rebħa, il-Gżira.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Joseph Cassar, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 20 ta' April 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 20th April 2006, the Rent Regulation Board, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

Whereas by a decree given by the Rent Regulation Board on the 20th April 2006, following a request of Miriam Sultana it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Nazarena Zammit, in the records of the Application in the names Miriam Sultana vs Isabella Zammit et, and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board on the 15th February 2006, in the records of the Application No. 07/03 JC, in the names Miriam Sultana vs Isabella Zammit et, the applicant Miriam Sultana, pleaded with respect;

That during the proceedings of the cause the third party called into the suit Nazzarena Zammit, died and that it is necessary that deputy curators be chosen to represent her in the present procedures.

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court appoints Deputy Curators to represent Nazarena Zammit in the record of the cause above premised and in the relative and subsequent acts.

Notify with the Banns: Isabelle Zammit
11, Zodiac Flats, Victory Street, Gżira.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Rent Regulation Board above mentioned with the evidence of Magistrate Joseph Cassar, LL.D., Doctor of Laws.

Today 20th April 2006.

Registry of the Superior Courts, today 25th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

930

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-Ittra Numru 357/04, fl-ismijiet Carmen Xuereb vs Dione Xuereb, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Dione Xuereb, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familija)

Fl-atti tal-proċeduri ta' Medjazzjoni li jġibu in-Numru 357/04 fl-ismijiet: Carmen Xuereb Vs Dione Xuereb.

Rikors ta' Carmen Xuereb;

Illi l-esponenti tagħmel riferenza għad-Digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2006 u tixtieq iġġib is-segwenti għall-informazzjoni tal-Qorti u titlob direttivi tagħha.

Illi l-esponenti tagħmel riferenza għall-proċeduri fl-ismijiet inversi (l-atti tal-ittra uffiċjali 25/06) u filwaqt li tirrileva li f'dawk il-proċeduri ġiet nominata social worker u li din ippreżentat ir-rapport tagħha, is-suġġerimenti tagħha minn mindu ħarget mix-xena, ma humiex bl-ebda mod qegħdin jiġu osservati mill-intimat żewġ ir-rikorrenti.

Illi s-social worker għamlet diversi rakkomandazzjonijiet fir-rapport tagħha u filwaqt li l-esponenti, fl-aħjar interess tat-tfal u tar-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet qed tagħmel minn kollox sabiex timxi skrupolosament mal-kontenut tas-suġġerimenti ta' l-istess social worker, l-intimat qiegħed jagħmel minn kollox biex jisfida l-istess esponenti; …Omissis…

Illi r-raġel qiegħed inaffar lit-tfal metajikunu mieghu u jgħidilhom ċerti affarijiet u jgħidilhom li ma għandhomx jgħidu dwarhom lil ommhom…Omissis…

Illi meta wieħed jeżamina l-konklużjonijiet tas-social worker jidher ċar li hija tal-fehma li t-tfal m'għandhomx imorru għand in-nanniet paterni iżda dan nonostante r-raġel jibqa' joħodhom regolarment għand il-ġenituri bil-konsegwenza , … Omissis…

Illi s-social worker hija ta' l-opinjoni illi huwa fl-aħjar interess tat-tfal li l-istess tfal imorru lura jgħixu fid-dar li qabel kienet id-dar matrimonjali - Dan għar-raġuni li t-tfal ikunu fl-ambjent tagħhom …Omissis…

L-esponenti ma tippretendix li r-ragel tagħha jmur ifittex dar huwa stess jew imur joqgħod ġo ġorboċ; hija lesta li tħalli lil żewġha jmur joqgħod, pendenti li tinsab jew soluzzjoni bonarja għas-separazzjoni jew li jkun hemm sentenza minn dawn il-Qrati li tippermetti lil żewġha jmur jgħix fil-proprjetà tagħha li huwa appartament fuq Tower Road, Sliema.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 22nd May 2006, in the records of the Letter Number 357/04, in the names Carmen Xuereb vs Dione Xuereb, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Civil Court (Family Section)

In the records of the Mediation Procedures which bear No. 357/04 in the names: Carmen Xuereb Vs Dione Xuereb.

Application of Carmen Xuereb;

That the applicant refers to the Decree given by this Court on the 3rd April 2006 and wishes to bring the following to the information of the Court and ask for its directives.

That the applicant refers to the procedures in the inverted names (The records of the judicial letter 25/06) and whilst it points out that in those procedures a social worker was appointed and that she filed her report, her suggestions from when she left the scene are in no way being observed by the respondent husband of the applicant.

That the social worker made various recommendations in her report and whilst the applicant, in the best interest of the children and of the relationships between the parties is doing her utmost to abide scrupulously with the content of the suggestions of the same social worker, the respondent is doing his best to challenge the applicant. …Omissis…

That the husband is putting away the children when they are with him and telling them certain things about which they are not to speak about to their mother …Omissis….

That when one examines the conclusions of the social worker it appears clearly, that she is of the opinion that the children are not to go to paternal grand parents, but this notwithstanding the husband regularly take them to the parents with the consequence …Omissis…

That the social worker is of the opinion that it is in the best interest of the children that the same children go and alive again in the home which was before the matrimonial home - This for the reason that the children will be in their surroundings …Omissis…

The applicant does not expect that her husband go and find a house himself or go and live in a room; she is ready to allow her husband to go and live, pending that a consensual solution to separation is found or that there is judgement by these Courts that she allows she the husband to live in her property, which is an apartment in Tower Road, Sliema.

…Omissis…

Għaldaqstant l-esponenti fl-aħjar interess tat-tfal u tagħha stess titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tordna li (a) l-istatus quo preżenti jitbiddel b'dan illi r-raġel joħroġ mid-dar konjugali, li hija proprjetà parafernali tal-esponenti, biex fiha tirritorna l-esponenti flimkien ma' wliedha, (b) li r-raġel imur jabita temporanjament banda oħra u jekkk trid jista' jabita fil-proprjetà alternattiva ta' l-esponenti u cioè fil-fond 208/2 Tower Road, Sliema, (3) li meta r-raġel jieħu lil uliedu miegħu, dan ma joħodhomx għand il-ġenituri tiegħu biex issir lanqas ħsara possibbli lill-istess tfal fir-relazzjoni diffiċli, li jeżistu bejn il-partijiet kollha konċernati – kollox isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi.

Rikorrenti: c/o 11/20, Strait Street, Valletta.

Intimat: John GEM, f'Antonio Micallef Street, Attard.

Qorti Ċivili

(Sezzjoni tal-Familja)

Imħallef

L-Onor. Noel Cuschieri, LL.D., MaG. Juris (Eur. Law)

Fl-atti ta' l-ittra Numru 357/04

Fl-ismijiet Carmen Xuereb Vs Dione Xuereb

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna n-notifika ta' l-istess lill-intimat bi żmien għaxart ijiem għar-risposta ġuramentata.

Illum 18 ta' April 2006.

Anne Xuereb
Deputat Reġistratur.

Intimat: JohnGem f'Antonio Micallef Street, Attard.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 26, ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

…Omissis…

Thus the applicant in the best interest of the children and her interest prays with respect that this Honourable Court, orders that (a) the present status quo changes in such a manner that the husband goes out of the conjugal house, which is the paraphernal property of the applicant, so that the applicant returns in it with her children, (b) that the husband shall temporarily live somewhere else and if he wants he can live in the alternative property of the applicant and that is the premises 208/2, Tower Road, Sliema, (3) that when the husband takes his children with him, he does not take them at his parents in order that the least damage possible be made to the children in the difficult relationship, which exists between all the parties concerned – everything to be made under all those provisions which the Court shall impose in the circumstances.

Applicant: c/o 11/20 Strait Street, Valletta.

Respondent: John GeM, in Antonio Micallef Street, Attard.

Civil Court

(Family Section)

Judge

Hon. Noel Cuschieri LL.D. Mag. Juris (Eur. Law)

In the records of the letter Number 357/04

In the names Carmen Xuereb Vs Dione Xuereb

The Court,

Having seen the Application,

Orders the service of the same to the respondent, who is to file a sworn reply within ten days.

Today 18th April 2006.

Anne Xuereb

Deputy Registrar.

Respondent: John Gem, in Antonio Micallef Street, Attard.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 26th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

931

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1655/2000 GV, fl-ismijiet Adlor Limited vs Wiosna Peter et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' kawża li reġgħet inġiebet għas-smigħ maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, l-Erbgħa 8 ta' Frar 2006, il-kawża Ċitazzjoni Numru 1655/2000 GV, fl-ismijiet Adlor Limited vs Wiosna Peter et li kienet Sine Die minn l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2005, reġgħet ġiet imqieghda għas-smigħ għal nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2006, fid-9.15 a.m., quddiem l-Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia.

B'ordni ta' l-istess Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet sussegwentement differita għas-16 ta' Ġunju 2006, fid-9.15 a.m.

Konvenuti: Peter Wiosna u martu Dolores Camilleri Wiosna
31 T Flat 2, Monsinjur Dandria Street,
Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court by means of a decree given on the 8th March 2006, in the records of the Writ of Summons Number 1655/2000 GV, in the names Adlor Limited vs Wiosna Peter et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry Superior Courts, on Wednesday 8th February 2006, the cause Writ of Summons Number 1655/2000 GV, in the names Adlor Limited vs Wiosna Peter et, which was Sine Die from Wednesday 26th October 2005, was set down again for hearing on Wednesday 8th March 2006, at 9.15 a.m., before Mr. Justice Geoffrey Valenzia.

By order of the same Court the cause above mentioned was subsequently put off to the 16th June 2006, at 9.15 a.m.

Defendants: Peter Wiosna and his wife Dolores Camilleri Wiosna
31 T Flat 2, Monsignor Dandria Street,
Msida.

Registry of the Superior Courts, today 26th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

932

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 284/06, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Joe Paul Company Limited (C 18306) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Joe Paul Company Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 1 ta' Frar 2006

Lil Joe Paul Company Limited (C 18306)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' sitta u sebgħin elf, tmien mija u wieħed u għoxrin Lira Maltin u ċenteżmu (Lm76,821.01) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th May 2006, in the records of the judicial letter number 284/06, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Joe Paul Company Limited (C 18306) ordered the following publication for the purpose of the company Joe Paul Company Limited in terms of Article 187(5) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall Civil Court

Today 1st February 2006

To Joe Paul Company Limited (C 18306)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of seventy six thousand eight hundred and twenty one Maltese Liri and one cent (Lm76,821.01) balance of debt in your 'Loan and Overdraft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 1st October 2005, till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Pierre Cassar u Dottor Tonio Spiteri datati 16 ta' Ġunju 1995, 18 ta' Marzu 1996, 4 ta' Marzu 1999, u fl-1 ta' Marzu 2001, fejn inti ddikjarajt ruħek, vera, ċerta u likwida debitriċi tas-soċjetà rikorrenti.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Soċjeta Intimata: Joe Paul Company Limited
Maria Theresa, Żurrieq Road,
Safi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively in order to render executable the contracts of constitution of debts in the records of Notary Dr. Pierre Cassar and Dr. Tonio Spiteri dated 16th June 1995, 18th March 1996, 4th March 1999, and the 1st March 2001,whereby you declared yourself, true, certain and liquid debtor of the applicant company.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant Company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street,
Valletta.

Respondent Company: Joe Paul Company Limited
Maria Theresa, Żurrieq Road,
Safi

Registry of the Superior Courts, today 26th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

933

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Mejju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 828/2005 TM, fl-ismijiet Barbara Paul et vs Reed Etienne, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ħamis 9 ta' Marzu 2006, il-kawża Ċit. Numru 828/2005 TM, fl-ismijiet Barbara Paul et vs Reed Etienne, ġiet imqiegħda fil-Lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2006, Awla 16 fid-9.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti l-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għan-notifika għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju 2006, fid-9.00 a.m.

Konvenut: Etienne Reed (ID 282178M)
73, Triq Sta. Scholastica,
Il-Birgu.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 5th May 2006, in the records of the Writ of Summons Number 828/2005 TM, in the names Barbara Paul et vs Reed Etienne, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Notice of Hearing of a cause issued by the Registrar Superior Courts, on Thursday 9th March 2006, the cause Writ of Summons Number 828/2005 TM, in the names Barbara Paul et vs Reed Etienne, was put down on the List of causes which are to be heard on Friday 5th May 2006, Hall 16, at 9.00 a.m.

By order of the same Court, the cause above mentioned was put off in order that service be effected to Tuesday 27th June 2006, at 9.00 a.m.

Defendant: Etienne Reed (ID 282178M)
73, Sta. Scholastic Street,
Vittoriosa

Registry of the Superior Courts today 29th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

934

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċ jali numru 285/2006, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Joseph u Pauline miżżewġin Abela (ID nri. 728450M) u 788949M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 1 ta' Frar 2006
Lil Joseph u Pauline miżżewġin Abela
ID Nri. 728450(M) u 788949(M)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn thallsu s-somma ta' tmienja u sebgħin elf, wieħed u erbgħin Liri Maltin u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm78,041.55) bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2005, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 1 ta' Marzu 2001, fejn intom ddikjarajtu ruħkom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tnejn u ħamsin elf, mija u disgħa u tletin Liri Maltin u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm52,139.49) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimati: Joseph u Pauline miżżewġin Abela
9, Maria Theresa, Żurrieq Road, Safi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th May 2006, in the records of the judicial letter number 285/2006, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Joseph and Pauline spouses Abela (ID numbers 728450M) and 788949(M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 18793) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 1st February 2006
To Joseph and Pauline spouses Abela
ID Numbers 728450(M) and 788949(M).

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of seventy eight thousand and forty one Maltese Liri and fifty five cents (Lm78,041.55) balance of debt in the 'Loan and Overdaft Accounts' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 1st October 2005, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively in order to render executable the contract of constitution of debt, in the records of Notary Dr. Tonio Spiteri dated 1st March 2001, whereby you declared, yourselves true, certain and liquid debtors of the applicant in the sum of fifty two thousand, one hundred and thirty nine Maltese Liri and forty nine cents (Lm52,139.49) together with further interest till the date of the effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondents: Joseph and Pauline spouses Abela
9, Maria Theresa, Żurrieq Road, Safi.

Registry of the Superior Courts, today 29th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

935

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-17 ta' Mejju 2006, minn Marianna mart John Spiteri u oħrajn rikors numru 326/2006, fejn talbu li tiġi miftuħa favur Marianne Spiteri u dan fi kwota ta' kwinta parti (1/5) indiviża, favur Rosario u Maria Dolores, aħwa Zammit, u dan fi kwota ta' deċima parti (1/10) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur Joseph, Rita, Raymond, Paul u Mario, aħwa Muscat u dan fi kwota ta' parti waħda minn ħamsa u għoxrin parti (1/25) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur Albert sive Bertu, Carmen mart Anthony Spiteri, Jesmond, Rose mart Paul Schembri, Annie mart Victor Schembri, Alfred u Domenic aħwa Ellul, u dan fi kwota ta' parti waħda minn erbgħin parti (1/40) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, favur Nazzarena mart Carmel Montebello, Romeo, Anthony Salvu, Julia mart Frank Mifsud, Carmela mart Vincenzo Cardarella, Mary mart Robert Pebbles, Rita mart John Mifsud u Lucy mart Stephen Poke, aħwa Spiteri u dan fi kwota ta' parti waħda minn ħamsa u erġħin parti (1/45) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; u favur Joseph, Paul u Monica mart Raymond Pace, ilkoll aħwa Ellul u dan fi kwota ta' parti waħda minn mija u għoxrin parti (1/120) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Domenico Schembri, ġuvni bin il-mejtin Rosario u Rosaria neé Tonna, imwieled u kien joqgħod Ħal Luqa u miet Pietà fis-27 ta' Jannar 2005, ta' 68 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 653063(M), bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 29 ta' Mejju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 17th May 2006, by Marianne wife of John Spiteri and others application number 326/2006 whereby they asked that it be declared open in favour of Marianna Spiteri and this in the quota of one-fifth (1/5) undivided share, in favour of Rosario and Maria Dolores, brother and sister Zammit, and this in the quota of one-tenth (1/10) undivided share in favour of each one of them, in favour of Joseph, Rita, Raymond, Paul and Mario, brothers and sister Muscat, and this in the quota of one-twenty-fifth (1/25) undivided parts each, in favour of Albert sive Bertu, Carmen wife of Anthony Spiteri, Jesmond, Rose wife of Paul Schembri, Annie wife of Victor Schembri, Alfred and Domenic brothers Ellul, and this in the quota of one-fourtieth undivided (1/40) share in favour of each one of them, in favour of Nazzarena wife of Carmel Montebello, Romeo, Anthony, Salvu, Julia wife of Frank Mifsud, Carmela wife of Vincenzo Cardarella, Mary wife of Robert Pebbles, Rita wife of John Mifsud and Lucy wife of Stephen Poke, brothers and sisters Spiteri and this in the quota of one- part out of fourty-five undivided share, in favour of each one of themġ and in favour of Joseph, Paul, Monica wife of Raymond Pace, all brothers and sisters Ellul, and this in the quota of one-twentieth undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Domenico Schembri, bachelor son of the late Rosario and Rosaria neé Tonna, born and who resided in Luqa and died in Pieta' on the 27th January 2005, intestate, aged 68 and who had identity card number 653063(M), and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 29th May 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*